MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Numru 792/2006

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Gatt)

vs

Daniel William Micallef u Marco Scerri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi diretti kontra l-imputati, akkuzati tallifis-26 ta' Lulju 2006 gewwa l-Imsida ghal habta tal-11.45pm:

a. volontarjament hasru, ghamlu hsara jew gharqu vettura Hyundai Atos Mel 011 li tappartjeni lill-Melanie Meilaq, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix l-Lm500 imma izjed minn Lm50 ghad-detriment ta' Melanie Meilak;

b. kontra Marco Scerri biss li fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi bhala ufficjal pubbliku ikkommetta reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi – dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma: fis-27 ta' Lulju 2006 l-akkuzati kienu ghaddejjin bil-karozza tal-akkuzat Daniel Micallef, Honda Civic numru ta' registrazzjoni EAZ 814, minn Triq il-Wied tal-Imsida meta raw vettura tal-ghamla Hyundai Atos numru ta' registrrazzjoni MEL 001 li gharfuha li kienet tal-kwerelanta Melanie Meilaq, habiba tal-ex gharusa tal-akkuzat Daniel Micallef, liema vettura kienet ipparkeggjata man naha fejn tirrisjedi din l-ex gharusa. F'hin minnhom l-akkuzat Daniel Micallef saq vicin din il-vettura u minn naha tal-passiggier intefa flixkun li laqghat il-vettura ta' Melanie Meilaq u kkagunalha hsara li skond stima esebita folio 23 jammontaw ghas-somma ta' Lm317.

Issa apparti li l-att ta' tfieh tal-flixkun gie nutat kemm mill-kwerelanta u kemm minn Tara Brownrigg, l-ex gharusa, l-akkuzati entrambi jammettu l-misfatt. Fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet mistqarra fl-istqarrijiet li irrilaxxjaw lill-pulizija u ribadita meta xehdu quddiem din il-Qorti. Dak li l-imputati jikkontestaw hu l-ammont tal-hsara li hi sostnuta li sofriet il-vettura tal-kwerelanta.

Dwar din il-hsara u stante li l-kawza hi ta' indoli kriminali dak li hu rilevanti ghal finijiet ta' piena hu jekk l-ammont tal-hsara jeccedix il-Lm500 (1164.69 euro), jew jekk hi bejn il-Lm50 (116.47 euro) u l-Lm500, jew jekk hi inqas

minn Lm50. Mill-provi, kemm ghaliex jidher li hu fatt li l-flixkun laqghat il-hgiega, u l-Qorti temmen mhux biss, u kemm ukoll li l-akkuzati mhux qeghdin jattakkaw l-istima ‘per se’ fis-sens li dak li qed isostnu fuqu hu li ma ikkagunax dik il-hsara kollha kwatifikata fl-istima, madanakollu l-Qorti hi sufficjentement sodisfatta li l-hsara teccedi l-116.47 euro izda mhux il-1164.69 euro.

Fuq l-iskorta ta’ l-Artikolu 325 tal-Kap 9 il-piena kontemplata ghar-reat in disamina, ossija l-hsara volontarja hija bejn hames xhur sa sena prigunerija li fil-kaz tal-imputat Marco Scerri tizdied bi grad skont l-Artikolu 141 Kap 9.

Inghad dan ghalhekk il-Qorti issib l-akkuzati hatja tar-reati kontrihom dedotti u wara li rat l-Artikolu 325(b), 141 u 31 Kap 9 tikkundannhom kif ser tghid:

- lill-akkuzat Daniel William Mercieca hames xhur prigunerija;
- lill-akkuzat Marco Spiteri seba xhur prigunerija.

Qeghdha pero’ tordna li s-sentenza ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda fis-sehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sena mill-lum, l-akkuzati jew minn minnhom, jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fl-imsemmi perjodu ta’ sena.

Rat wkoll l-Artikolu 28H tal-Kap 9 u tikkundanna lill-akkuzati, kull wiehed ghalih, li ihallas lill-kwerelanta 150 euro fi zmien li ma jiskorrix is-sitt xhur mill-lum in linja ta’ danni/kumpens bla pregudizzju ghal kull azzjoni spettanti lill-kwerelanta.

Il-Qorti spiegat lill-akkuzati r-responsabbiltajiet taghhom li johorgu minn dina s-sentenza wkoll fid-dawl tal-imsemmi Artikolu 28H sub-artikolu (4) u (5)

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------